

Brussell, 7 ta' Ġunju 2021
(OR. en)

9546/21

ENFOPOL 219
JAI 682
COVID-19 249
CRIMORG 55
CYBER 170

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	7 ta' Ġunju 2021
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 8651/21	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 fuq is-sigurtà interna: it-theddid, ix-xejriet, ir-reżiljenza u t-tagħlimiet meħuda għall-infurzar tal-liġi tal-UE – <i>Konklużjonijiet tal-Kunsill (7 ta' Ġunju 2021)</i>

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 fuq is-sigurtà interna: it-theddid, ix-xejriet, ir-reżiljenza u t-tagħlimiet meħuda għall-infurzar tal-liġi tal-UE, approvati mill-Kunsill (Ġustizzja u Affarijiet Interni) fit-3799 laqgħa tiegħu li saret fis-7 ta' Ġunju 2021.

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL

dwar l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 fuq is-sigurtà interna: it-theddid, ix-xejriet, ir-reżiljenza u t-tagħlimiet meħuda għall-infurzar tal-liġi tal-UE

KONXJU tal-isforzi li saru fil-livell tal-Unjoni Ewropea u tal-Istati Membri biex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni taċ-ċittadini tal-UE u, f'dan il-kuntest, tiġi żgurata l-kontinwità tal-operat fl-infurzar tal-liġi u azzjoni kkoordinata kontra theddid emerġenti;

Filwaqt li JIRRIKONOXXI r-riskji u t-theddid imprevedibbli u l-isfidi li ġejjin għax-xenarju tas-sigurtà interna minħabba din il-kriżi;

Filwaqt li JIKKUNSIDRA l-importanza u l-benefiċċji tat-tagħlimiet meħuda u kondiviżi fost l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet u l-aġenziji tal-UE;

Filwaqt li JIRRIKONOXXI li kriżijiet ta' tfixkil attwali u dawk simili fil-futur jistgħu jiġġeneraw problemi sistemiċi ta' sigurtà, jikxfu vulnerabbiltajiet u jeżiġu kooperazzjoni msaħħa;

Filwaqt li JIDENTIFIKA l-ħtieġa li tiġi evitata u indirizzata l-proliferazzjoni ta' movimenti negazzjonisti li jxerrdu miżinformazzjoni dwar il-COVID-19 u diskors ta' mibegħda, b'mod partikolari fil-media soċjali;

Filwaqt li JFAKKAR li kooperazzjoni transfruntiera aktar reżiljenti, operazzjonali u effettiva u skambju f'waqt ta' informazzjoni huma essenzjali f'sitwazzjoni ta' kriżi, u li l-mekkaniżmi ta' emerġenza għall-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi jridu jiġu attivati malajr sabiex jogħla l-livell ta' tħejjija u jiġi żgurat rispons immedjat.

Filwaqt li JINNOTA li l-kondiviżjoni ta' għarfien u informazzjoni li twassal għall-identifikazzjoni ta' theddid u xejriet ta' kriminalità f'organizzazzjonijiet kriminali hija kruċjali għat-teħid ta' deċiżjonijiet infurmati u strateġiċi dwar kif jiġu ttrattati u antiċipati żviluppi futuri fin-networks kriminali;

Barra minn hekk, filwaqt li JENFASIZZA li l-ħtieġa tal-kondiviżjoni ta' informazzjoni operazzjonali u sensittiva f'sitwazzjoni ta' kriżi – sabiex tiġi żgurata l-kontinwità tal-ħidma li għaddejja dwar investigazzjonijiet/każijiet transfruntiera – saħħet l-impenn fl-iżvilupp ta' soluzzjonijiet ta' komunikazzjoni sigura li jistgħu jissostitwixxu l-kuntatti fiżiċi;

Għal dak il-għan, filwaqt li JIFFOKA fuq l-użu aħjar tal-mezzi eżistenti ta' kooperazzjoni u filwaqt li JIBNI fuq strutturi stabbiliti.

IL-KUNSILL,

sabiex jiżgura l-Protezzjoni

IĦEĠĠEĠ lill-Istati Membri jikkoordinaw l-iskambju ta' informazzjoni transfruntiera, l-operazzjonijiet konġunti tal-infurzar tal-liġi, l-aħjar prattiki u l-għarfien espert bejn il-pajjiżi ġirien u fil-livell tal-UE u jiżguraw entitajiet kritiċi f'sitwazzjonijiet ta' kriżi, f'konformità mal-oqfsa legali nazzjonali;

JINKORAĠĠIXXI lill-Istati Membri jidentifikaw soluzzjonijiet prattiċi biex jipprevjenu ostakli għall-kooperazzjoni transfruntiera strateġika, operazzjonali u tattika tal-infurzar tal-liġi, b'mod partikolari meta l-ivvjaġġar bejn l-Istati Membri jkun ristrett minħabba miżuri imposti;

JINKORAĠĠIXXI lill-Europol tappoġġa lill-Istati Membri, permezz tal-iskambju ta' informazzjoni, f'konformità mal-mandat tagħha f'operazzjonijiet transfruntiera għall-prevenzjoni tat-terroriżmu u l-kriminalità organizzata waqt sitwazzjonijiet ta' kriżi, li jaffettwaw is-sigurtà interna tal-UE;

JISSOTTOLINJA L-ĦTIEĠA għall-prevenzjoni tal-infiltrazzjoni ta' networks kriminali fl-implimentazzjoni ta' *Next Generation EU*. L-iskambju f'waqtu ta' informazzjoni – b'mod partikolari dwar investigazzjonijiet li għaddejjin ta' frodi, riskji, theddid, metodi u mudelli ta' frodi – bejn l-aġenziji rilevanti tal-UE, speċjalment il-Europol, l-OLAF u l-UPPE u l-Istati Membri, huwa għaldaqstant essenzjali.

Sabiex ikun Imħejji aħjar

JIRRAKKOMANDA lill-Istati Membri jikkooperaw ma' xulxin, jekk meħtieġ, billi jikkondividu l-appoġġ tekniku, bħall-esperti u t-tagħmir tal-infurzar tal-liġi u s-sistemi ta' komunikazzjoni f'sitwazzjonijiet ta' kriżi.

JINKORAĠĠIXXI lis-CEPOL u lill-Istati Membri, jekk meħtieġ bl-appoġġ finanzjarju tal-UE, biex jiżviluppaw taħriġ ibbażat fuq xenarji u eżerċizzji prattiċi bejn l-aġenziji tal-infurzar tal-liġi u partijiet ikkonċernati oħra, bħall-protezzjoni ċivili, is-servizzi mediċi ta' emerġenza u l-awtoritajiet lokali biex tiġi żgurata t-tħejjija u r-reżiljenza għal pandemiji futuri u kriżijiet oħra;

JISĦAQ FUQ IL-ĦTIEĠA li l-Kummissjoni tappoġġa lill-Grupp Ewlieni tal-Europol dwar Komunikazzjonijiet Siguri, u l-Laboratorju tal-Innovazzjoni - li għandhom il-kompitu li jimplimentaw il-pjan direzzjonali dwar soluzzjonijiet ġodda ta' komunikazzjoni sigura, kif approvat mill-COSI¹ - biex jistabbilixxu strument komuni, reżiljenti, interoperabbli u sigur għall-komunikazzjonijiet u għodod tal-vidjokonferenzi (messaġġi bil-vidjo, bl-awdjo u istantanji) fil-qafas Ewropew tal-kooperazzjoni dwar l-infurzar tal-liġi. Dawn l-għodod ta' komunikazzjoni sigura jistgħu jintużaw biex jiġu ppjanati u kkoordinati operazzjonijiet konġunti, kif ukoll biex matul sitwazzjonijiet ta' kriżi tiġi skambjata informazzjoni kunfidenzjali u sensittiva mill-aġenziji tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri bejniethom u mal-aġenziji u l-entitajiet rilevanti tal-UE;

JILQA' l-iżvilupp tal-Europol ta' rapporti analitiċi dwar ix-xejriet tal-kriminalità u l-valutazzjonijiet tat-theddid u tar-riskju matul il-pandemija attwali, li jappoġġaw lill-Istati Membri fil-kooperazzjoni transfruntiera u l-prevenzjoni tal-kriminalità tranżnazzjonali. IĦEĠĠEĠ lill-Europol tqis dan bħala l-aħjar Prattika li għandha tiġi kkunsidrata fi kriżi futura.

¹ 12860/1/20 REV 1

Sabiex jiżgura Prevenzjoni aħjar

JIRRAKKOMANDA lill-Istati Membri jiżviluppaw u jippromwovu kampanji ta' informazzjoni u sensibilizzazzjoni għaċ-ċittadini tagħhom, filwaqt li jibbenefikaw mill-għarfien espert tagħhom u tal-EUCPN, l-Europol u n-networks tal-infurzar tal-liġi, sabiex jipprevjenu l-impatt tal-attivitajiet taċ-ċiberkriminalità kif ukoll il-miżinformazzjoni u d-diskors ta' mibegħda; għandha tingħata attenzjoni partikolari fuq kif għandhom jiġu protetti t-tfal online u kif jitnaqqas ir-riskju li dawn isiru vittmi ta' organizzazzjonijiet kriminali;

JINKORAĠĠIXXI lill-Istati Membri jikkondividu l-aħjar prattiki fi ħdan l-EUCPN u networks rilevanti oħra dwar strateġiji nazzjonali u lokali li jtejbju l-kanali ta' rapportar għall-vittmi ta' reati, bħall-vjolenza domestika u l-abbuż sesswali sabiex jiġu ffaċilitati l-kuntatti mal-aġenziji tal-infurzar tal-liġi u partijiet ikkonċernati oħra matul lockdown u sitwazzjonijiet ta' kriżi. Din il-kooperazzjoni tista' tikkontribwixxi wkoll għall-appfondiment tas-sħubijiet u t-titjib tal-interazzjoni bejn l-aġenziji tal-infurzar tal-liġi, is-soċjetà ċivili u l-vittmi tal-kriminalità;

JINKORAĠĠIXXI lill-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mill-qrib fil-Qafas tal-IPCR u l-Aġenziji kkonċernati tal-UE (bħall-Europol) biex tappoġġa lill-Istati Membri fil-prevenzjoni ta' kriżi li taffettwa Stat Membru wiehied jew aktar, filwaqt li tadotta approċċ reżiljenti u flessibbli;

IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni tappoġġa t-titjib tal-mekkaniżmi u l-fora eżistenti ta' kooperazzjoni u koordinazzjoni, jiġifieri vROOM il-Pjattaforma tal-Europol għall-Esperti (EPE), biex trawwem kooperazzjoni strateġika u operazzjonali, u biex tiskambja wkoll l-aħjar prattiki b'rispons għal kriżijiet kbar bħall-pandemija attwali.